REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/245

tas-16 ta' Frar 2015

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2016 tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar l-aċċess għas-servizzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar id-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għixien. L-iskop tiegħu huwa li jassigura, li fil-livell nazzjonali u Ewropew tkun disponibbli dejta, kemm trasversali kif ukoll lonġitudinali, dwar id-dħul u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, li tkun komparabbli u aġġornata.

(2) Skont l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, kull sena għandhom jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni biex jispeċifikaw l-oqsma sekondarji fil-mira u l-fatturi varjabbli li għandhom jiġu inklużi f'dik is-sena fil-komponent trasversali tal-UE-SILC. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira u l-identifikaturi tagħhom għall-modulu tal-2016 dwar l-aċċess għas-servizzi.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira u l-identifikaturi għall-modulu tal-2016 dwar l-aċċess għas-servizzi, parti mill-komponent trasversali tal-EU-SILC, għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.

ANNESS

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw l-unitajiet, il-metodi tal-ġbir tad-dejta u l-perjodi ta' referenza li ġejjin:

1. **Unità**

Il-fatturi varjabbli fil-mira għandhom x'jaqsmu ma' tipi differenti ta' unitajiet:

Il-varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-affordabbiltà tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal, il-bżonnijiet mhux issodisfati għal dawn is-servizzi u r-raġunijiet għaliex ma jsirx użu minn dawn is-servizzi, l-affordabbiltà tal-edukazzjoni formali, il-kura tas-saħħa, il-preżenza ta' persuni fi bżonn ta' kura fid-dar u l-fatturi varjabbli kollha relatati mal-kura pprovduta fid-dar, japplikaw fil-livell tal-unità domestika u jirreferu għall-unità domestika kollha kemm hi.

L-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet mhux issodisfati għal edukazzjoni formali, ir-raġuni ewlenija għal nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni formali, it-tagħlim tul il-ħajja, il-kura pprovduta fid-dar u sigħat fil-ġimgħa ta' kura pprovduta fid-dar, għandha tingħata għal kull membru attwali li jgħix fl-unità domestika, jew, jekk applikabbli, għal dawk kollha li għandhom 16-il sena jew aktar u ntgħażlu biex iwieġbu.

L-informazzjoni dwar il-ħlas għall-kura tat-tfal, il-proporzjon tal-ispejjeż imħallsa u min iħallas/jikkontribwixxi għalihom għandha tingħata minn dak li qed iwieġeb għall-unita domestika għal kull wild bl-età bejn 0-12.

L-informazzjoni dwar il-ħlas ta' miżati għat-tagħlim għal edukazzjoni formali, il-proporzjon imħallas u min iħallas/jikkontribwixxi għalih, għandha tingħata minn dak li qed iwieġeb għall-unità domestika għal kull membru tal-unità domestika.

2. **Il-metodu tal-ġbir tad-dejta**

Għall-fatturi varjabbli li japplikaw fil-livell tal-unità domestika jew il-fatturi varjabbli relatati ma' kull membru tal-unità domestika (inklużi l-fatturi varjabbli relatati mat-tfal) fejn l-informazzjoni tingħata fil-livell tal-unità domestika, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-membru tal-unità domestika li qed iwieġeb.

Għall-fatturi varjabbli li japplikaw fil-livell individwali, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-membri attwali kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew, jekk applikabbli, ma' kull persuna magħżula biex twieġeb.

L-età tirreferi għall-età fi tmiem il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

Minħabba t-tip ta' informazzjoni li trid tinġabar, huma permessi biss intervisti personali (bl-użu ta' intervisti bi prokura bħala eċċezzjoni għal persuni li jkunu temporanjament assenti jew inabilitati).

3. **Perjodu ta' referenza**

Il-fatturi varjabbli fil-mira huma marbuta ma' żewġ tipi ta' perjodi ta' referenza:

L-aħħar 12-il xahar: għall-fatturi varjabbli relatati ma' ħtiġijiet mhux issodisfati għal edukazzjoni formali u r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni formali, t-tagħlim tul il-ħajja, u l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-ħlas għalih.

Tas-soltu: għall-fatturi varjabbli l-oħra kollha.

4. **Trażmissjoni tad-dejta**

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) fil-Fajl tad-Dejta dwar l-Unità Domestika (il-fajl H), fil-Fajl tad-Dejta Rreġistrata (il-fajl R) u fil-Fajl tad-Dejta Personali (il-fajl P) wara l-fatturi varjabbli primarji fil-mira.

IL-MODULU TAL-2016 DWAR L-AĊĊESS GĦAS-SERVIZZI LISTA TA' FATTURI VARJABBLI FIL-MIRA

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
		Indukrar tat-tfal
RC010		*Ħlas għall-ispejjeż ta' servizzi formali tal-indukrar tat-tfal*
	1	Iva
	2	Le

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
RC 010_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 4	L-ebda indukrar formali għal dan il-wild
	– 5	M'hemmx tfal bl-etajiet bejn 0-12 fl-unità domestika
RC020		*Il-proporzjon tal-ispiża mħallsa għas-servizzi formali ta' indukrar tat-tfal*
	1	Il-prezz sħiħ (l-ispiża kollha)
	2	Prezz imnaqqas (issussidjat mill-gvern, minn min iħaddem, minn persuna privata, eċċ.)
	9	Ma nafx
RC020_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (RC010 = 2)
	– 4	L-ebda indukrar formali għal dan il-wild
	– 5	M'hemmx tfal bl-etajiet bejn 0-12 fl-unità domestika
RC030		*Min iħallas/jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' servizzi formali tal-indukrar tat-tfal*
	1	Il-Gvern jew l-awtoritajiet lokali
	2	Min iħaddem
	3	Istituzzjonijiet oħra (eż. il-Knisja, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ)
	4	Persuni privati li mhumiex membri tal-unità domestika
	5	Oħrajn
	9	Ma nafx
RC030_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (RC020 = 1)
	– 4	L-ebda indukrar formali għal dan il-wild
	– 5	M'hemmx tfal bl-etajiet bejn 0-12 fl-unità domestika
HC040		*L-affordabbiltà tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal*
	1	B'diffikultà kbira

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
	2	B'diffikultà
	3	B'xi diffikultà
	4	Pjuttost faċilment
	5	Faċilment
	6	Faċilment ħafna
HC040_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 4	L-ebda spejjeż għall-indukrar tat-tfal fl-unita domestika
	– 5	M'hemmx tfal bl-etajiet bejn 0-12 fl-unità domestika
HC050		*Ħtiġijiet mhux issodisfati għal servizzi tal-indukrar formali tat-tfal*
	1	Iva
	2	Le
HC050_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 5	M'hemmx tfal bl-etajiet bejn 0-12 fl-unità domestika
HC060		*Raġuni ewlenija għaliex ma jsirx (aktar) użu mis-servizzi tal-indukrar formali tat-tfal*
	1	Mhumiex affordabbli
	2	M'hemmx postijiet disponibbli
	3	Postijiet disponibbli iżda mhux fil-qrib
	4	Postijiet disponibbli iżda l-ħinijiet tal-ftuħ mhumiex adattati
	5	Postijiet disponibbli iżda l-kwalità tas-servizzi disponibbli mhix sodisfaċenti
	6	Raġunijiet oħra
HC060_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC050 = 2)
	– 5	M'hemmx tfal bl-etajiet bejn 0-12 fl-unità domestika
		Edukazzjoni u taħriġ formali
RC070		*Ħlas ta' miżati għat-tagħlim*
	1	Iva
	2	Le

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
RC070_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 4	Il-persuna ma tiħux edukazzjoni formali
RC080		*Parti mill-miżati għat-tagħlim hija mħallsa*
	1	Il-prezz sħiħ (l-ispiża kollha)
	2	Prezz imnaqqas (issussidjat mill-gvern, minn min iħaddem, minn persuna privata, eċċ.)
	9	Ma nafx
RC080_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (RC070 = 2)
	– 4	Il-persuna ma tiħux edukazzjoni formali
RC090		*Min iħallas/jikkontribwixxi għall-ispiża ta' miżati għat-tagħlim*
	1	Il-Gvern jew l-awtoritajiet lokali
	2	Min iħaddem
	3	Istituzzjonijiet oħra (eż. il-Knisja, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ)
	4	Persuni privati li mhumiex membri tal-unità domestika
	5	Oħrajn
	9	Ma nafx
RC090_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (RC080 = 1)
	– 4	Il-persuna ma tiħux edukazzjoni formali
HC100		*L-affordabbiltà tal-edukazzjoni formali*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'diffikultà
	3	B'xi diffikultà
	4	Pjuttost faċilment
	5	Faċilment
	6	Faċilment ħafna
HC100_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 4	L-ebda spejjeż għall-edukazzjoni formali fl-unità domestika
	– 5	Ħadd fl-unità domestika ma jieħu edukazzjoni formali

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
PC110		*~~Ħtiġijiet~~ mhux issodisfati għal edukazzjoni formali*
	1	Iva
	2	Le
PC110_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
	– 4	Il-persuna attwalment fl-edukazzjoni formali
PC120		*Ir-raġuni ewlenija għal nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni formali*
	1	Mhijiex affordabbli
	2	Mhix ammessa għall-kors jew programm
	3	Restrizzjoni ta' żmien (skeda, responsabbiltajiet familjari, eċċ.)
	4	Ebda kors jew programm adattat ma huwa disponibbli
	5	Raġunijiet oħra
PC120_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (PC110 = 2)
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
	– 4	Il-persuna attwalment fl-edukazzjoni formali
		Tagħlim tul il-ħajja
PC130		*Parteċipazzjoni f'taħriġ relatat ma' passatempi*
	1	Iva
	2	Le
PC130_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
PC140		*Parteċipazzjoni f'taħriġ relatat ma' attività professjonali*
	1	Iva
	2	Le
PC140_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
PC150		*Ir-raġuni ewlenija għal nuqqas ta' parteċipazzjoni f'taħriġ relatat ma' attività professjonali*
	1	Mhuwiex affordabbli
	2	Mhux interessat
	3	Restrizzjoni ta' żmien (skeda, responsabbiltajiet familjari, eċċ.)
	4	Ebda kors jew programm adattat ma huwa disponibbli
	5	Mhux ipprovdut minn min iħaddem
	6	Raġunijiet oħra
PC150_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (PC140 = 1)
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
		Kura tas-saħħa
HC160		*L-użu ta' servizzi ta' kura tas-saħħa*
	1	Iva
	2	Le
HC160_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
HC170		*Ħlas għal servizzi tal-kura tas-saħħa*
	1	Iva
	2	Le
HC170_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC160 = 2)
HC180		*L-affordabbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'diffikultà
	3	B'xi diffikultà
	4	Pjuttost faċilment
	5	Faċilment
	6	Faċilment ħafna
HC180_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 4	L-ebda spejjeż għas-servizzi tal-kura tas-saħħa fl-unità domestika

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
		Kura fid-djar
HC190		*Il-preżenza fl-unità domestika ta' nies li jeħtieġu għajnuna minħabba problemi fiżiċi jew mentali ta' saħħa fit-tul, infermità jew minħabba x-xjuħija*
	1	Iva
	2	Le
HC190_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
HC200		*Kura professjonali pprovduta fid-dar*
	1	Iva
	2	Le
HC200_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC190 = 2)
HC210		*Numru ta' sigħat fil-ġimgħa ta' kura professjonali pprovduta fid-dar*
	1	Anqas minn 10 sigħat fil-ġimgħa
	2	Tal-anqas 10 sigħat iżda anqas minn 20 siegħa fil-ġimgħa
	3	20 siegħa fil-ġimgħa jew aktar
HC210_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC200 = 2)
HC220		*Ħlas għal kura professjonali fid-dar*
	1	Iva
	2	Le
HC220_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC200 = 2)
HC230		*L-affordabbiltà ta' servizzi professjonali ta' kura fid-dar*
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'diffikultà
	3	B'xi diffikultà
	4	Pjuttost faċilment
	5	Faċilment
	6	Faċilment ħafna

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
HC230_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC220 = 2)
HC240		*~~H~~tiġijiet mhux issodisfati għal kura professjonali fid-dar*
	1	Iva
	2	Le
HC240_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC190 = 2)
HC250		*Raġuni ewlenija għaliex ma tirċevix (iktar) servizzi ta' kura professjonali fid-dar*
	1	Mhijiex affordabbli
	2	Miċħuda mill-persuna li teħtieġ servizzi bħal dawn
	3	Servizzi bħal dawn mhumiex disponibbli
	4	Il-kwalità tas-servizzi disponibbli mhix sodisfaċenti
	5	Raġunijiet oħra
HC250_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (HC240 = 2)
PC260		*Kura jew għajnuna pprovduta*
	1	Iva — għal membri tal-unità domestika biss
	2	Iva — għal persuni li mhumiex membri tal-unità domestika biss
	3	Iva — għal membri tal-unità domestika u għal persuni li mhumiex membri tal-unità domestika
	4	Le
PC260_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
PC270		*Numru ta' siegħat fil-ġimgħa ta' kura jew għajnuna pprovduta*
	1	Anqas minn 10 siegħat fil-ġimgħa
	2	Tal-anqas 10 siegħat iżda anqas minn 20 siegħa fil-ġimgħa
	3	20 siegħa fil-ġimgħa jew aktar

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
PC270_F	1	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (PC260 = 4)
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb